

# L-Innu Tifħir lil San Leonardu Abbati
## *50 Sena Minn Meta Nkiteb*

Kitba ta' Joseph Carbone

Din is-sena, l-Innu *Tifħir lil San Leonardu Abbati*, jew l-Innu l-Kbir, kif laqqamnieh, aħna l-partitarji tal-festa u tal-Banda San Leonardu, jagħlaq 50 sena minn meta nkiteb.

Fl-1960, kellu jiġi ċċelebrat, l-erbatax-il ċentinarju mill-mewt ta' San Leonardu Abbati, il-Patrun tal-Parroċċa ta' Ħal Kirkop, u l-Patrun tal-banda tagħna, li ġġib ismu. Minn fost il-partitarji tal-festa u l-membri tal-Banda San Leonardu, kienet ilha tinħass il-ħtieġa li jinkiteb innu maestuż, li bħala tul u sbuħija, jisboq liż-żewġ innijiet qosra li kienu jindaqqu fil-festa.

F'Awissu ta' l-1952, inħatar bħala surmast direttur tal-Banda San Leonardu, Mro. George Martin A. Mus. L.C.M. Waqt seduta tal-kumitat, ta' nhar it-Tlieta 7 ta' Lulju 1954, il-kumitat qabel li għandu jiġi avviċinat Mro. G. Martin, biex jaraw jekk jaċċettax l-intrigu, biex jikkomponi l-innu. Kienu pproponew żewġ kundizzjonijiet lill-istess surmast, li kienu: l-ewwel, li ssir magħrufa l-ispiża, u t-tieni, li jekk is-surmast ikun tant ġentlom u joffri l-kompożizzjoni gratis, din kellha ssir proprjetà tas-Soċjetà Mużikali San Leonardu. Nhar il-Ħamis 5 ta' Awissu 1954, waqt seduta, il-kumitat ġie mgħarraf mis-surmast, li huwa jaċċetta l-proposta, dik li jikkomponi l-innu, u kien lest li joffri l-istess kompożizzjoni gratis, bil-kundizzjoni li jsir *recording* ir-rediffusion. Iż-żewġ partijiet qablu u sar il-ftehim. Ix-xogħol inbeda u l-innu beda jissawwar mill-pinna ħabrieka tas-Surmast Martin. Il-kumitat, flimkien mal-kompożitur, avviċinaw lil Dun Frans Camilleri, poeta magħruf ħafna f'dik li hija kitba ta' innijiet reliġjużi, biex jikteb poeżija b'tifħir lil San Leonardu Abbati, biex titkanta mal-mużika li Mro. G. Martin kien qiegħed jikkomponi. Meta l-mużika, kif ukoll, il-kliem tlestew, inbdew il-kunċerti. L-innu nkiteb għall-kor, tenur u baritonu. Tista' tgħid li l-innu ntgħoġob mill-ewwel u daħal f'qalb il-partitarji u kull min semgħu. Sar ir-recording, kif kien miftiehem, u beda jindaqq kull sena fil-festa.



Mro. George Martin twieled l-Isla, nhar it-2 ta' Marzu 1920. Minn ċkunitu beda jitgħallem il-mużika fil-każin mal-Banda Queen's Own ta' l-Isla, fejn ħareġ idoqq il-kornu. Wara kompla javvanza, sa ma ġab id-diploma A. Mus. L.C.M. Mro. G. Martin idderieġa l-baned San Leonardu ta' Ħal Kirkop, Re Ġorġ V ta' l-Imqabba, Vilhena tal-Furjana, Queen's Own ta' l-Isla, kif ukoll kien assistent surmast tal-Banda Duke of Connought's Own ta' Birkirkara. Inħatar surmast direttur tal-Banda San Leonardu, f'Awissu ta' l-1952. L-ewwel servizz li l-banda kellha taħt id-direzzjoni tiegħu, kien fl-okkażjoni taċ-ċelebrazzjoni ta' l-ewwel

quddiesa ta' Dun Leonard Farrugia, nhar is-26 ta' Awissu f'Ħal Kirkop. Temm il-kariga ta' surmast mal-Banda San Leonardu fl-1972. Mro. G. Martin ikkompona bosta mużika bħal marċi funebri u dawk brijużi. Bla dubju, l-akbar biċċtejn xogħol li ħarġu mill-pinna tas-Surmast Martin, huma l-innijiet, ***Lill-Assunta***, għall-Banda Re Ġorġ V ta' l-Imqabba u ***Tifħir lil San Leonardu Abbati***, għall-banda tagħna, li ġġib l-istess isem. Kiteb ukoll innu tal-banda, li jindaqq fl-aħħar tal-programm mużikali kull sena f'lejlet il-festa. Mro. George Martin kien miżżewweġ lil Connie, u kellhom erbat itfal. Miet nhar il-25 ta' Frar 1991, fl-età ta' 71 sena.



Dun Frans Camilleri twieled il-Marsa, nhar id-29 ta' Jannar 1919, lil Ġanni u Ġużeppa, xebba Barbara. Trabba l-Marsa, iżda meta kiber il-familja Camilleri marret toqgħod ġo Triq Carini Santa Venera. L-edukazzjoni tiegħu bdiha, l-ewwel fl-iskola primarja tal-Gvern il-Ħamrun, imbagħad fl-iskola St. Paul, wara s-seminarju u spiċċa l-Università, fejn iggradwa fit-teoloġija. Ġie ordnat saċerdot fl-1943. Għallem il-lingwa Maltija fil-Kulleġġ San Alwiġi u fis-seminarju. Kien membru attiv fl-Akkademja tal-Malti, kif ukoll fl-Għaqda Kittieba tal-Malti. Kiteb bosta poeżiji u komponimenti, li ppubblika ħafna minnhom f'kotba. Passatempi kellu l-fotografija, isegwi l-logħba tal-ballun, fejn kien jissimpatizza mal-Ġermaniżi, iħobb jisma' l-mużika klassika, jikkultiva l-pjanti u s-siġar, kif ukoll isawwar affarijiet ornamentali bil-bebbux tal-baħar. Kien direttur spiritwali ta' bosta Għaqdiet ġewwa l-Ħamrun. Dun Frans Camilleri żgur li jibqa' magħruf għan-numru kbir ta' innijiet li kiteb, li jaqbżu l-500, għall-knejjes, skejjel, Għaqdiet reliġjużi, u għall-każini tal-baned. Dun Frans Camilleri miet nhar is-6 ta' Diċembru 1990, fil-għomor ta' 71 sena.

L-innu *Tifħir lil San Leonardu* sar parti minn ħajjitna, aħna li nħobbu l-festa tal-Patrun tar-raħal tagħna, ngħożżuh daqskemm ngħożżu isem San Anard. Illum, 50 sena wara li nkiteb l-innu, min f'qalbu għandu post speċjali għal San Leonardu Abbati, meta jisimgħu jindaqq, żgur li jnissillu demgħa ta' ferħ, dak il-kliem meqjus, miktub minn idejn Dun Frans Camilleri, u l-melodija tant sabiħa miktuba mill-pinna mirquma tas-Surmast George Martin A. Mus. L.C.M.


